MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1107/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Joseph Zammit ta' 58 sena bin Francis u Josephine nee' Cutajar imwieled 17/4/55 residenti 84, Triq San Pawl, Safi, detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 313855(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Zammit li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fil-21 ta' Dicembru 2007 ghall-habta ta' 10:50p.m. fi Triq il-Kunsill ta'l-Ewropa, Luqa:

(1) waqt li kien qed isuq vettura Nru. ABH-045 naqas li jezercita l-kura u l-attenzjoni xierqa u jaghmel sinjal meta kien ser ibiddel id-direzzjoni tieghu.

(2) U aktar waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, kien involut f'incident tat-traffiku ma' mutur Nru.GVP-379, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti il-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub fil-ligi.

(3) kif ukoll saq jew ipprova isuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. ABH-045 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li isuq minhabba xorb jew drogi.

(4) u aktar talli saq, ipprova isuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. ABH-045 fit-triq f'post pubbliku wara li ikkunsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew l-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

(5) kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ta' traffiku habat ma' mutur GVP-379 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta (Pulizija ta' Malta).

(6) U aktar involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 1391 Ian Grech skond kif iccertiika Dr. Rennie Camilleri M.D. ta' M.D.H.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-17 ta' Frar 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jindika b’mod ewlieni li tista’ tinsab htija fil-konfront ta’l-imputat ai termini ta’l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9. Illi l-mertu ta’ dina l-kawza jikkoncerna incident stradali li sehh fi Triq il-Kunsill ta’l-Ewropa, Hal Luqa li fih sefa midrub Ian Grech li fiz-zmien mertu tal-kawza kien qieghed jaqdi dmiru bhala kuntistabbli tal-pulizija. Illi il-Qorti tistqarr minnufih illi hemm kunfliggenza fix-xhieda dwar id-dinamika ta’ dana l-incident u dana mhux biss minhabba l-fatt illi l-imputat jichad li kien involut f’dana is-sinistru stradali, izda ukoll minhabba l-fatt illi hemm divergenza bejn dak li ighid l-parti leza u l-uniku xhud okulari ghal dan l-incident.

Illi l-parti leza Ian Grech isostni illi f’dik il-lejla huwa kien qieghed isuq il-mutur tal-pulizija gej mid-direzzjoni tal-ajruport ser idur mar-roundabout tad-Dinitroll ghal Triq il-Kunsill ta’l-Ewropa gewwa Hal Luqa meta vettura, vann, hareg minn fuq stop sign u dana waqt li hu kien qieghed idur mar-roundabout tant illi dina il-vettura spiccat faccata tieghu, laqtitu u baqa jitkaxkar maghha. Hu spicca fl-art taht il-vettura, izda dina l-vettura ma waqfitx u baqghet sejra. Huwa qam u lemah il-vann wieqaf, qal lis-sewwieq biex ma jiccaqlaqx, izda ighid li wara dan ma jafx x’sehh ghax intilef minn sensieh u meta qam sab ruhu l-isptar[1].

Xhud okulari ghal dan l-incident kien Andrew Cilia li ighid illi f’dik il-lejla huwa kien qed isuq fit-Triq Kunsill ta’l-Ewropa fuq il-karregjata tan-naha ta’ gewwa. Quddiemu kien hemm vann. Ighid illi dana il-vann f’hin minnhom kiser lejn id-direzzjoni ta’l-ajruport u cioe fi Triq l-Avjazzjoni. Ighid illi ma jitakarx jekk il-vann ghamilx xi indikazzjoni illi kien ser idur. F’dan l-istess mument jiftakar illi kien gej mutur tal-pulizija minn warajh, liema mutur issorpassah. Hekk kif ghamel dan, il-vann ta’ quddiem kiser lejn il-lemin u sehhet il-kollizzjoni. Huwa innota illi l-pulizija induna bil-manuvra li kien ser jaghmel tal-vann u ghalhekk dar mieghu, izda xorta sehhet il-kollizzjoni tant

[1] Ara xhieda ta’Ian Grech a fol.138 et. seq.

illi l-mutur tkaxkar mal-vann. Huwa immedjatament nizel sabiex jaghti l-assistenza lil dan il-pulizija li kien waqa' mal-art u meta hares sabiex jara fejn kien il-vann, osserva illi dan kien telaq[2].

Xhud iehor li kien fuq il-post ta'l-incident huwa Patrick Fenech li madanakollu wasal fuq il-post ta'l-incident wara li kienet sehhet il-kollizzjoni. Ighid illi ra l-pulizija fl-art u osserva vann wieqaf b'ragel hdejh. Ighid illi dan ir-ragel rikeb fil-vann wara ftit u telaq minn fuq il-post[3]. Illi ghalkemm mill-okkorenza tal-pulizija redatta mis-surgent 353 Antoine Sacco, jirrizulta illi dan Fenech kien ha in-numru ta' registrazzjoni tal-vann involut fl-incident u ghaddieh lill-pulizija, u cioe' lil PC1276, fix-xhieda tieghu Fenech ma isemmiex dana l-fatt. Il-PC1276 Francis Zerafa ighid illi dana in-numru kien ghaddiehulu Ian Grech meta wasal fuq il-post fejn dan qallu li dana in-numru kienu ghaddewulu xi nies li kienu fuq il-post. Ian Grech fix-xhieda tieghu dana ma ighidux, anzi ighid illi hassu hazin u intilef minn sensih u fl-ebda hin ma ighid illi kellem lil PC1276[4].

Fi kwalunkwe kaz il-pulizija jasslu ghall-persuna ta'l-imputat minn numru li jinghata lilhom fuq il-post ta'l-incident ABH-045. Meta il-pulizija jasslu fir-residenza ta'l-imputat u jibdew l-investigazzjoni taghhom, jezaminaw il-vettura ta'l-imputat fejn josservaw illi l-magna tal-vettura kienet ghadha shuna u kien fiha daqqiet fuq in-naha tal-lemin in-naha ta' wara u cioe' fuq il-bieba u il-mudguard in-naha ta' isfel.[5] L-imputat jammetti mal-pulizija illi kien ghadda mit-triq fejn sehh l-incident meta kien gej lura minn Bugibba. Peress illi il-pulizija ixommu riha ta' alkohol fin-nifs ta'l-imputat isirlu it-test tan-nifs tat-triq (roadside breathalyzer test) u aktar tard jittiehed fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn l-imputat accetta li jittehidlu kampjun tan-nifs u meta jerga' isirlu l-ezami irrizulta ukoll fil-pozittiv[6].

---

[2] Ara xhieda ta' Cilia a fol.41
[3] Ara xhieda a fol.80 et seq
[4] Ara xhieda ta' PC1276 Francis Zerafa a fol,98
[5] Ara ritratti Dokumenti JV1 sa JV8 a fol.151
[6] Ara rizultati a fol.14 u 15

L-imputat jixhed u ighid illi f'dik il-lejla huwa kien nizel Bugibba sabiex jaghti titwiela fir-restaurant tal-familja li kien maghluq. Jiftakar illi ghadda minn Burmarrad, Haz Zebbug, Hal Qormi, lejn Hal Luqa. Ighid li ghadda minn hdejn l-ajruport u baqa' sejjer lejn Hal Safi fejn joqghod. Isostni illi fl-ebda hin ma kien involut f'xi sinistru stradali. Ighid hekk fix-xhieda tieghu:

"**L-ewwel xoghol, jiena ma hrigt mill-ebda stop sign. Jiena kont qieghed insuq mhux man-naha tan-naha ta' Magri, man-naha l-ohra. Jiena dik it-triq ilni ghaddej minnha snin twal u jigifieri jiena dejjem nikser imbaghad lejn in-naha tal-airport u ghandi nifhem li jekk intajjar bniedem kont intih daqqa bin-naha ta' quddiem. Ma jistax ikun li jiena tajjart bniedem u mutur daqshekk kbir u ma tindunax, lanqas jista' jkun.**"

Jammetti illi l-vann tieghu kien fih xi hsarat li huwa qatt ma kien osserva qabel, izda jibqa' jichad l-involviment tieghu. Illi kif wasal id-dar huwa ighid li ha tazza whisky bil-mishun. Dana tikkonfermah ohtu Mary Zammit li tghid li ratu diehel jorqod bit-tazza tal-whisky f'idu[7].

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju illi sehh sinistru stradali li fih kien involut il-parti leza Ian Grech fejn huwa sofra griehi konsegwenza ta' dana l-incident. Madanakollu il-Qorti tistqarr illi hemm diversi konfliggenzi f'dan l-iter processwali.

1. Ibda biex hemm kunflitt fir-rigward sahansitra d-dinamika ta' dana l-incident. Dana qed jinghad ghax Andrew Cilia li huwa l-uniku xhud okulari jaghti verzjoni differenti minn dik tal-parti leza. Grech ighid illi ra lil dana l-vann hiereg minn fuq stop sign. Andrew Cilia dan ma ighidux u ighid illi l-vann kien qed jinsaq kontinwament quddiemu. Anke l-imputat stess jichad illi huwa hareg

[7] Ara xhieda a fol.174

minn fuq stop sign. Dina l-konfliggenza twassal lil Qorti ghal diffikulta serja sabiex tistabbilixxi kif sehh l-incident u min kien jahti ghall-istess.

2. Ma huwiex car kif wasal in-numru ta’ registrazzjoni tal-vann f’idejn il-pulizija. Ix-xhud Patrick Fenech ma isemmi xejn fix-xhieda tieghu dwar il-fatt illi huwa ha in-numru tal-vann in kwistjoni u lanqas jigi mistoqsi dwar dan. Dan huwa imsemmi, izda, fl-okkorenza tal-pulizija fejn hemm indikat illi huwa ghadda dana in-numru lil PC1276. Il-PC1276 fix-xhieda tieghu, izda, ma isemmiex dana il-fatt u ighid illi in-numru ghaddiehulu Grech fejn qallu li dan kienu tawhulu xi nies prezenti. Grech minn naha tieghu ighid fix-xhieda tieghu illi huwa hassu hazin u intilef minn sensieh u fl-ebda hin ma isemmi illi kellem lil PC1276 li jidher illi wasal fuq il-post meta Grech kien diga qed jigi mghobbi fl-ambulanza.

3. Hadd mix-xhieda ma jaghraf lill-imputat bhala is-sewwieq tal-vann involut f’dana l-incident stradali, lanqas Grech innifsu.

4. L-imputat, ghalkemm jammetti illi ghadda mill-istess post fejn sehh l-incident u ghalkemm ma jistax jaghti spjegazzjoni ghall-hsarat li kellu fil-vann tieghu, madanakollu jibqa konsistentement jichad l-involviment tieghu fl-incident stradali.

5. Illi fir-rigward ta’l-akkuza dwar il-livell tal-alkohol fin-nis ta’l-imputat li insab ghola mill-livell preskritt fil-ligi, il-Qorti tistqarr illi ghalkemm irrizulta illi l-imputat kien ftit tal-hin qabel qed isuq il-vettura tieghu, billi huwa stess jammetti illi kien ghadu kemm wasal id-dar minn Bugibba, madanakollu mill-provi irrizulta illi hekk kif wasal id-dar u allura ftit minuti qabel ma sarlu it-test tan-nifs kien ghadu kemm ikkonsma tazza tal-whisky. Dana ghalhekk iwassal lill-Qorti ghad-dubbju dwar jekk il-livell ta’l-alkohol fin-nifs ta’l-imputat kienx relatat ma’ xi alkohol ikkunsmat qabel ma saq jew inkella wara meta allura kien diga wasal id-dar.

Illi dawn id-dubbji kollha fil-kamp penali certament jimmillitaw favur l-imputat. Il-Qorti ma tista’ qatt tasal ghal sejbien ta’ htija lil hinn minn kull dubbju dettat mil-ligi bil-provi li hemm fl-atti. Fil-kamp civili tali provi jistghu ikunu sufficjenti, izda certament mhux fil-kamp penali.

Ghaldaqstant abbazi ta’ dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu minhabba kunflitt fil-provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------